MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 601/2006

**Avviz Numru 601/2006VGD**

George Saliba (Id. 129144M) u Yvonne Saliba (Id. 184556M)

Vs

Vince Borg

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li biha l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas id-danni kollha sofferti mill-atturi, liema danni jammontaw ghal Lm1,028.20c, minhabba xoghol ta' skavar u/jew thaffir li sar mill-konvenut fil-fond adjacenti ghal dak proprjeta' ta' l-atturi u li fih ikkawza hsarat estensivi. Dawn id-danni jkopru numru ta' sigar, light fittings u hajt/mural tac-ceramika li gew iddanneggati u/jew meqrudin ghal kollox hekk kif jirrizulta mir-rapport

tal-perit Mannie Galea hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u l-istima maghmula minn Anthony Bonnici (Dok. B), kif ukoll l-istima maghmula minn Derek Garden Centre hawn anness u mmarkata bhala Dok. C. Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-talba kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi Vince Borg f'ismu proprju la huwa proprjetarju tal-fond adjacenti ghal dak proprjeta' tal-atturi u lanqas qatt ghamel xoghol ta' skavar u jew thaffir li b'xi mod setghu gew kkagunati danni lill-proprjeta' tal-atturi. Ghaldaqstant il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda ta' l-attur George Saliba.

Sema x-xhieda tal-Perit Mannie Galea prodott mill-atturi.

Ra l-affidavit tal-attrici Yvonne Saliba.

Ra l-affidavit ta' PC1489 Jason Attard, prodott mill-atturi.

Ra l-affidavit tal-Perit AIC Mannie Galea.

Sema x-xhieda tal-konvenut Vince Borg.

Ra d-dokumenti kollha li gew ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:- Fit-18 ta' April 2006, meta l-attur wasal lura d-dar tieghu huwa sab illi l-hajt divizorju bejn il-gnien tad-dar tieghu, u l-proprjeta' ta' terzi kien twaqqa kompletament. Dan il-hajt kien hajt ta' erba u ghoxrin filata gebel tal-franka, u kien fih tul ta' xi erbghin pied minn-naha ghall-ohra tal-gnien. L-attur sab il-kelb tieghu marbut mat-tarag, alavolja dan

kien hallih jigri fil-gnien, u sab ukoll illi s-sigar u l-pjanti kollha li kien hemm fil-gnien kienu sparixxew, u kienu jidru anki sinjali ta' gaffa fil-hamrija, li ovvjament kienet dahlet fil-gnien tal-atturi. Mal-hajt in kwsitjoni l-atturi kellhom id-dawl ghaddej u kellhom anki 'mural' tac-ceramika li kienu gabu maghhom minn barra, u ovvjament dan kollu kien twaqqa ukoll. L-atturi kellhom sistema ta' 'drip irrigation' fil-gnien taghhom sabiex ikunu jistghu isaqqu l-pjanti, u din is-sistema wkoll giet distrutta. Kien hemm ukoll pjanti fuq in-naha ta' gewwa tal-gnien li nkissru. Kien jidher ukoll illi xi hadd kien dahal bil-gaffa fil-gnien biex inehhi l-gebel tal-hajt li kien waqa, u kien kaxkar u qaccat is-sigar u pjanti kollha.

L-attur sab xi haddiema fuq in-naha ta' barra tal-gnien tieghu li kienu qalulu illi kienu messew il-hajt bi zball u dan kien waqa, u kienu qalulu sabiex ikellem is-sid taghhom certu Vince Borg.

Skond l-atturi, wara l-incident, il-konvenut Vince Borg kien mill-ewwel gie ghandhom u kien kellem lill-atturi. Huwa kien introduca ruhu bhala Vince Borg u anki taghhom l-identity card tieghu. Il-konvenut kien skuza ruhu ghall-incident u kien assigurhom illi kien ser jirranga kollox minghajr problemi ta' xejn.

L-atturi pero xorta wahda ghamlu rapport fl-ghassa tal-pulizija u mir-rapport jihder ukoll illi l-pulizija kienu kellmu lill-konvenut, u dan kien assigura u accetta illi kien ser jirranga kollox.

Fil-fatt il-konvenut rega' tella l-hajt divizorju, alavolja tellghu bil-bricks meta originarjament kien tal-gebel tal-franka, u l-atturi kienu xtaqu li jerga jittella bil-gebel tal-franka. Meta mbaghad l-atturi kienu ghaddewlu l-istima tad-danni sofferti minnhom u cioe l-istima tas-sigar u pjanti maturi li kienu gew distrutti, stima sabiex jerga jsir id-dawl kif kien qabel, u stima tal-mural li kien inkiser, il-konvenut kien ra l-istima tad-dawl gholi u ghalhekk talab l-atturi sabiex igibu stima mill-electrician tieghu stess. L-atturi hekk ghamlu, u fil-fatt t-talba taghhom kwantu ghal dawn id-danni, hija bbazata fuq l-istima tal-electrician li gie

proprju suggerit mill-konvenut. Il-konvenut kien anki oggezzjona ghall-istima tal-atturi ghas-sigar u pjanti, ghaliex kien rah gholi ukoll, u talab li jgib stima hu stess, izda tali stima qatt ma ngabet minnu.

Madankollu, l-konvenut qatt ma hallas ghad-danni sofferti mill-atturi fuq imsemmija, u beda jaghmel minn kollox sabiex jevita l-atturi, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi fix-xhieda taghhom l-atturi t-tnejn jenfasizzaw kontinwament illi kull darba li l-konvenut kien ikellimhom, huwa dejjem kien qed jagixxi ghan-nom tieghu u fl-ebda hin u mument ma semma illi huwa kien qieghed jidher ghan-nom ta’ xi kumpanija. Fil-fatt, meta l-konvenut kien mar ikellem lill-atturi dakinhar tal-incident u fil-granet ta’ wara, huwa taghhom in-numru tat-telefon tieghu personali, u l-identity card tieghu. L-atturi kienu hadu d-dettalji kollha personali tal-konvenut. Skond huma l-konvenut fl-ebda stadju ma kien innega li huwa kien responsabbli personalment ghall-hsarat u danni kkagunati lilhom, u anzi kien assigurhom illi mieghu jirrangaw kollox. Tant hu hekk illi l-istimi tad-danni kellhom jinghataw lilu personlment.

Illi mill-‘incident report’ li sar wara li l-attrici rrappurtat l-incident dakinhar stess fl-ghassa tal-pulizija, liema rapport gie esebit fil-process, jidher car ukoll illi dakinhar meta l-pulizija kellmu lill-konvenut, dan ammetta kollox u accetta li jaghmel tajjeb ghall-hsarat kollha kkagunati lill-atturi. Fil-fatt mix-xhieda ta’ PC 1489 Jason Attard li huwa stazzjonat l-Ghassa ta’ Zabbar, gie konfermat illi fl-ebda hin u mument, meta huwa kellem lill-konvenut, ma semma xi kumpanija jew xi persuni ohra li kienu responsabbli ghal dak li gara.

Illi x-xhieda tal-Perit Mannie Galea hija krucjali wkoll ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok ghaliex bhala terza persuna indipendenti huwa kien gieli ra l-gnien tal-atturi qabel ma gara l-incident, u ghalhekk kien f’pozizzjoni li jikkonferma illi dan il-gnien kien mimli sigar u pjanti maturi, u li kien ghaddej id-dawl mal-hajt, kif ukoll illi kien hemm ‘mural’ mal-istess hajt. Fil-fatt il-perit anki irrelata dwar il-hsarat

estensivi li kienu saru fil-proprjeta' tal-atturi, u dawn ir-rapporti gew esebiti fil-process.

Fit-tieni lok, il-Perit fi kliemu stess jikkonferma illi fl-laqgha li saret mal-konvenut, dan ta' l-ahhar kien '*accetta li jiehu hsieb jaghmel tajjeb u jirranga l-hsarat li kienu sehhew fil-proprjeta' tas-sinjuri Saliba. Is-sur Vince Borg ripetutament wera illi hu kien ser jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mis-sinjuri Saliba. Is-sur Borg fl-ebda waqt ma ghamel referenza ghal xi kumpanija jew persuna ohra, liema kumpanija jew persuna ohra kienet ser taghmel tajjeb ghad-danni kkawzati fil-proprjeta' tas-sinjuri Saliba.*'

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut xehed illi huwa direttur tal-kumpanija V & C Contractors Limited, u li din tixtri u tizviluppa l-proprjeta'. Fil-fatt kienet din il-kumpanija li xtrat il-proprjeta' ta' ma gemb l-atturi u kienet hi li kienet qed tizviluppa l-istess. Huwa sostna li dakinhar ta' l-incident huwa ma kienx fuq il-post izda kienu cemplulu u qalulu li waqa xi hajt u ghalhekk mar. Meta wasal fuq il-post skond hu seta jikkostata li ma kienx hemm sigar fil-gnien tal-atturi ghaliex kieku kienu jidru l-konki tal-istess. Hu stess kien qabbad in-nies biex jergghu jibnu l-hajt. Il-konvenut xehed illi huwa ma jaghmilx tajjeb ghall-hsara li ssir mill-V & C Contractors Limited, u qatt ma qal li kien ser jidhol responsabbli ghad-danni li saru minn din il-kumpanija.

Meta sarulu xi domandi in kontro ezami, l-konvenut xehed illi huwa kien qal il-kliem '*mieghi tirranga'* lill-atturi. Huwa ma setghax jiftakar jekk kienx ta l-identity card tieghu lill-atturi.

Il-konvenut esebixxa provi dokumentarji li juru illi huwa direttur u shareholder tal-kumpanija V & C Contractors Limited, u li l-istess kumpanija kienet akkwistat il-proprjeta' ta' ma gemb l-atturi.

Illi t-Tribunal jirrileva li huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax b'mod car u inekwivoku li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.

Illi fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza Lawrence Formosa et nomine vs Silvio Felice, deciza fis-6 ta’ Ottubru 1999, il-Qorti qalet hekk:- ‘*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta’ kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta’ haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero’, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f’isimha proprju*.’

Illi f’dan il-kaz, t-Tribunal huwa ghal kollox konvint illli l-konvenut kien introduca ruhu mal-atturi f’ismu proprju, u li huwa qatt ma semma li kien qieghed jidher ghan-nom ta’ xi kumpanija jew ta’ xi persuni ohra. It-Tribunal jinsab konvint ukoll illi l-konvenut kien ammetta u accetta illi huwa kien ser jaghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-atturi, u fl-ebda mument ma taghhom d’intendere illi kienet xi kumpanija li kienet ser thallas ghad-danni kagunati. Ghalhekk issa, l-konvenut ma jistax isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f’isem entita’ guridika.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza ‘John Vella nomine vs Anthony Vella et (Deciza 3 ta’ Dicembru 1999), - ‘*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f’dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta’ attrici kellu jirrileva <u>b’mod</u> <u>car</u> <u>u</u> <u>univoku</u> illi f’dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f’ismu imma f’isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta’ attrici f’dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilta’ ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta*.’

Fil-kawza ‘Formosa vs Felice’ fuq imsemmija, l-Qorti kompliet tghid illi:- ‘*il-prova kontrarja naturalment kellha tispetta l-persuna li kien qed jidher f’isem u ghan-nom ta’ haddiehor. Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta’ haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkontratta*.’

Dan zgur ma sarx mill-konvenut, ghaliex apparti li qatt ma semma xi kumpanija quddiem l-atturi jew xi xhieda ohra involuti fil-kaz, zgur ma ngabet l-ebda prova minn-naha tieghu, illi l-atturi kienu a konoxxenza tal-fatt li huwa kien qed jagixxi ghan-nom tal-kumpanija tieghu. Ghalhekk issa zgur li ma jistax jippretendi li jigi mehlus mill-obbligi tieghu, gja ammessi diversi drabi minnu stess, illi jaghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-atturi.

Fl-ahharnett, it-Tribunal jidhirlu illi d-danni sofferti mill-atturi gew altru milli ppruvati, u dan anki permezz ta’ provi dokumentarji kif ukoll mir-ritratti esebiti. L-atturi ghamlu dak kollu li setghu sabiex jimminimizzaw il-kwantum tad-danni, u dan fuq talba specifika tal-konvenut, u ghalhekk it-Tribunal ma jara li ma hemm l-ebda raguni ghaliex l-ammont kollu reklamat mill-atturi m’ghandux jigi accettat.

Ghal dawn il-motivi kollha, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn, tlett mija, u hamsa u disghin Ewro u sitt centezmi (€2395.06), ekwivalenti ghal Lm1,028.20, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------